**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 179/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Charlot Mifsud**

Illum it-18 ta' Mejju 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq Charlot Mifsud, ta' 36 sena, iben Nazzareno u Giuseppa nee' Attard, imwieled Pieta nhar id-29 t'Ottubru 1983 u li joqghod numru 19, Triq Luqa Briffa, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 554483M

Akkuzat talli f'xi data bejn it-12 ta Marzu ,2019 u 12 ta Gunju ,2019 mill-fond nru. 83,Triq Marsaxlokk, Zejtun:

Ikkometta serq ta'gradenza antika , fajjenza u/jew oggetti ohra,liema serq huwa aggravate bil-mezz , bil-valur, li ma jcedix l-elfejn tliet mija u disgha w

ghoxrin Euro u sebgha  w tletin  centezmu (Eur2,329.37),  u bil –lok  liema serqsar ghad-dannu ta Nazzareno Sammut u Guzeppi Sammut u/jew  xi persuna/i u/jew ta xi entita' u/jew  entatajiet  ohra:

Akkuzat ukoll talli renda ruhu  recediv ai termini ta l-Artikolu  49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 30 ta' Novembru ,2011.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tinstema bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-31 ta' Lulju 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2020 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

[1] Dok JM3, Folio 7 ta' l-atti processwali
[2] Folio 8 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhuwiex ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkuzi huma soddisfacjentement ippruvati.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw finalment fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghall-perjodu ta' bejn it-12 ta' Marzu 2019 u t-12 ta' Gunju 2019, meta l-imputat ikkometta serq ta' diversi oggetti, uhud minnhom antiki u li kienu ta' certu valur, minn gewwa indirizz z-Zejtun ghad-detriment ta' Nazzareno Sammut.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Rat li filwaqt li l-imputat ma tenniex l-ammissjoni tieghu fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, l-imputat tenna l-ammissjoni fi stadju kmieni ferm tal-proceduri u ghalhekk din ghandha tigi meqjusa bhala attenwanti.

Rat illi l-partijiet qablu li l-imputat m'ghandux jinghata piena karcerarja izda wahda li hija alternattiva ghall-habs.

Semghet id-difiza ittenni li l-imputat kien ibati minn vizzju akut tad-droga u li llum il-gurnata irnexxielu jeghlbu u ghalhekk jkun iktar opportun ghall-imputat li jibqa' jigi segwit minn ufficjal tal-*probation* sabiex ikompli b'dan il-progress.

Semghet il-partijiet jaqblu u jissuggerixxu li ordni ta' *probation* ghall-perjodu massimu ta' tlett snin huwa piena idonea tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-oggetti misruqa, illum, gew ritornati lura lis-sid u li meta saret din is-serqa kienet minn post pjuttost abbandunat dak iz-zmien u mhux abitat.

Il-Qorti tqis ukoll li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha, minghajr rizerva, <u>inkluz</u> fir-rigward ta' l-addebitu tar-recidiva.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Charlot Mifsud **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja f'dan l-istadju ma hijiex ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat innifsu li il-hati jitqieghed taht ordni ta' probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati Charlot Mifsud taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (3) millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-18 ta' Mejju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**